



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T--262/15

Dmitrii Konstantinovich Kiselev
vs
Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Restrizzjonijiet dwar dħul fit-territorju ta’ Stati Membri – Persuna fiżika li tappoġġja attivament azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-Ukraina – Obbligu ta’ motivazzjoni – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Libertà ta’ espressjoni – Proporzjonalità – Drittijiet tad-difiża”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni (Id-Disa’ Awla) tal-15 ta’ Ġunju 2017

1. *Ftehimiet internazzjonali — Ftehim ta’ partenarjat bejn il-Komunitajiet u r-Russja — Miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ta’ parti — Każ ta’ gwerra jew ta’ tensjoni internazzjonali serja li jikkostitwixxu theddida ta’ konfliett armat — Kunċett — Azzjoni tal-Federazzjoni Russa li tikkonċerma s-sitwazzjoni fl-Ukraina fl-2015 u fl-2016 — Inklużjoni — Obbligu ta’ informazzjoni jew ta’ konsultazzjoni minn qabel — Assenza*

(*Ftehim ta’ partenarjat bejn il-Komunitajiet u r-Russja, Artikolu 99(1)(d)*)

2. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Miżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fl-Ukraina — Projbizzjoni ta’ dħul u ta’ transitu kif ukoll iffriżar ta’ fondi — Obbligu li tiġi kkomunikata l-motivazzjoni lill-persuna kkonċernata fl-istess ħin bħall-adozzjoni tal-att li jikkawża preġudizzju lilha jew minnufi wara — Limiti — Sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom — Deċiżjoni li tidħol fkuntest magħruf mill-persuna kkonċernata li tippermettilha tifhem il-portata tal-miżura meħuda fil-konfront tagħha — Ammissibbiltà ta’ motivazzjoni sommarja*

(*it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2); Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2015/432, 2015/1524 u 2016/359; Regolamenti tal-Kunsill 2015/427, 2015/1514 u 2016/353*)

3. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fl-Ukraina — Projbizzjoni ta’ dħul u ta’ transitu kif ukoll iffriżar ta’ fondi — Appoġġ attiv għall-azzjonijiet jew politiki li jdghaj fu’ jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina — Kunċett — Appoġġ mill-mezzi tax-xandir imressaq mid-direttur ta’ aġenċija tal-aħbarijiet deskritta bħala “impriżza unitarja” tal-Istat Russu — Inklużjoni*

(*Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2014/145, Artikolu 1(1)(a) u 2(1)(a), 2015/432, 2015/1524 u 2016/359; Regolamenti tal-Kunsill 269/2014, Artikolu 3(1)(a), 2015/427, 2015/1514 u 2016/353*)

4. *Rikors għal annullament — Motivi — Nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni — Motiv distint minn dak li jirrigwarda l-legalità fil-mertu*

(Artikoli 263 TFUE u 296 TFUE)

5. *L-Unjoni Ewropea — Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet — Mżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Portata tal-istħarriġ — Prova tal-fondatezza tal-miżura — Obbligu li l-awtorità kompetenti tal-Unjoni tistabbilixxi, fil-każ ta' kontestazzjoni, il-fondatezza tal-motivi invokati kontra l-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2015/432, 2015/1524 u 2016/359; Regolamenti tal-Kunsill 2015/427, 2015/1514 u 2016/353)

6. *Politika estera u ta' sigurtà komuni — Mżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar tal-fondi ta' persuna fiżika li tappoġġja b'mod attiv azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-Ukraina — Restrizzjoni tad-dritt għal-liberta tal-espressjoni — Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità — Assenza*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 11 u 52(1); Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2015/432, 2015/1524 u 2016/359; Regolamenti tal-Kunsill 2015/427, 2015/1514 u 2016/353)

7. *Proċedura ġudizzjarja — Rikors promotur — Rekwiżiti ta' forma proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati — Rekwiżiti analogi għall-ilmenti invokati insostenn ta' motiv — Natura ta' ordni pubbliku — Eżami ex officio mill-qorti tal-Unjoni*

(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, Artikolu 76(d))

8. *Politika estera u ta' sigurtà komuni — Mżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta'fondi — Drittijiet tad-difiża — Komunikazzjoni tal-provi li jinkriminaw — Deċiżjoni sussegwenti li żżomm l-isem tar-rikorrent fuq il-lista ta' persuni suġġetti għal dawn il-miżuri — Assenza ta' motivi ġodda — Ksur tad-dritt għal smiġħ — Assenza*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(a); Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/432; Regolament tal-Kunsill Nru 2015/427)

9. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Principi — Drittijiet tad-difiża — Mżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta'fondi — Dritt ta' aċċess għal dokumenti — Drittijiet suġġetti għal talba lill-Kunsill f'dan is-sens*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(a); Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/432; Regolament tal-Kunsill Nru 2015/427)

1. It-tieni nett, rigward is-sitwazzjoni fl-Ukraina f'Marzu 2015 kif ukoll f'Marzu 2016, jista' jitqies li l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa jikkostitwixxu "każ ta' gwerra jew ta' tensjoni internazzjonali serja li jikkostitwixxu theddida ta' konflitt armat" fis-sens tal-punt 1(d) tal-Artikolu 99 tal-ftiehim ta' partenarjat bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Russa. Meta wieħed iqis l-interess tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom sabiex ikun hemm, bħala pajjiż ġar, Ukraina stabbli, jista' jitqies meħtieġ li jiġi imposti miżuri restrittivi sabiex issir pressjoni fuq ir-Russia sabiex tiġi nkoraġġita twaqqaf l-attivitàajiet tagħha li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza

tal-Ukraina. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-ftehim ta' partenarjat ma jipponix li parti li tixtieq tieħu miżuri abbażi ta' din id-dispożizzjoni li tinforma lill-parti l-oħra minn qabel, lanqas li tikkonsultaha jew li ttiha r-raġunijiet.

(ara l-punti 32 u 33)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 39 sa 41, 45 u 50)

3. Fid-dawl tal-importanza tar-rwol li l-midja, speċjalment dawk fil-qasam awdjoviżiv, għandhom fis-soċjetà kontemporanja, kien prevedibbli li appoġġ qawwi tal-midja għall-azzjonijiet u l-politiki tal-gvern Russu li jiddestabilizza l-Ukraina, li jsir, b'mod partikolari waqt xandiriet popolari ħafna, minn persuna maħtura b'digriet mill-President Putin bħala direttur ta' RS, aġenċija tal-aħbarijiet li r-rikorrent stess jiddeskrivi bħala "impriża unitarja" tal-Istat Russu, jista' jirrigwarda l-kriterju ta' persuni fiziżi li jsostnu attivament l-azzjonijiet jew il-politiku li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

F'dan ir-rigward, il-kunċett ta' "appoġġ attiv" jista' jinftiehem biss fis-sens li jirrigwarda persuni li, mingħajr ma jkunu huma stess responsabbi għall-azzjonijiet u l-politiki tal-gvern Russu li jiddestabilizzaw l-Ukraina u mingħajr ma jimplettaw huma stess dawn l-azzjonijiet jew politiki, jipprovi appoġġ lil dawn il-politiki u azzjonijiet. Il-kriterju ma jirrigwardax kull forma ta' appoġġ lill-gvern Russu, iżda jirrigwarda l-forom ta' appoġġ li, minħabba l-importanza kwantitattiva jew kwalitattiva tagħhom, jikkontribwixxu għall-insegwiment ta' azzjonijiet u ta' politiki ta' dan tal-aħħar li tiddestabilizzaw l-Ukraina. Interpretat, taħt l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, fid-dawl tal-għan li jikkonsisti f'li ssir pressjoni fuq il-Gvern Russu sabiex jiġi mġiegħel itemm l-imsemmija attivitajiet u politiki, il-kriterju kkontestat jiddefinixxi b'hekk b'mod oġġettiv lil kategorija definita ta' persuni u ta' entitajiet li jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri ta' ffrizżar ta' fondi. Fl-interpretazzjoni ta' dan il-kriterju, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li rrikonoxxiet l-impossibbiltà li tintlaħaq preċiżjoni assoluta fl-abbozzar tal-liġijiet, speċjalment f'oqsma fejn is-sitwazzjoni tvarja skont l-opinjonijiet prevalenti fis-soċjetà, u li tirrikonoxxi li l-ħtieġa li tiġi evitata r-riġidità u li tiġi adattata għat-tibdil fis-sitwazzjoni jimplika li ħafna liġijiet qed jużaw formoli iktar jew inqas vagi u li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom tiddependi mill-prattika. Ir-rekwiżit li bih il-liġi għandha tiddefinixxi b'mod ċar ir-reati huwa ssodisfatt meta l-parti tista' tkun jaf, mill-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, jekk meħtieġ bl-ghajjnuna ta' interpretazzjoni mogħtija lill-qrati, liema atti u omissjonijiet jinvolvu r-responsabbiltà tagħha.

(ara l-punti 43, u 73 sa 76)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 52)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 61 sa 63)

6. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 66, 67, 69 sa 72, 80 sa 82, 84 sa 88 u 122 sa 125)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 137 u 138)

8. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 139, 145 u 146)

9. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 139 u 151)